MALTA

# QORTI CIVILI

# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF

## SILVIO MELI

Seduta tat-18 ta' Novembru, 2014

Rikors Numru. 787/2014

**Direttur Generali (Taxxi Interni)**

**vs**

**Carl-Johan Leonard Hagberg**

**(detentur tal-karta tal-identita` numru 108422 A)**

Il-Qorti,

1.0. Rat ir-rikors promotur datat l-10 ta' Settembru, 2014, li permezz tiegħu d-Direttur Generali rikorrenti sintetikament espona s-segwenti:

1.1. Illi d-Direttiva tal-Kunsill 2010/24/UE datata s-16 ta' Marzu, 2010, tippromwuovi u tirregola l-kollaborazzjoni bejn Stati Membri tal-Unjoni Ewropea ghall-finijiet t'irkupru ta' taxxa u/jew dazju dovuti minn debituri ta' Stat Membru tal-istess Unjoni li jinsabu f'territorju ta' Stat Membru iehor, apparti mizuri ohra;

1.2. Illi d-Direttiva indikata fil-paragrafu precedenti giet debitament implimentata u trasposta fil-Ligi ta' Malta permezz tal-Avviz Legali Numru 153 tal-2012, li dahal fis-sehh fl-1 ta' Jannar, 2012;

1.3. Illi l-awtorita` kompetenti Svediza talbet l-ghajnuna tad-Direttur Generali rikorrenti biex dan jirkupra t-taxxa dovuta mill-intimat lill-imsemmija applikanti indikata;

1.4. Illi l-ammont ta' taxxa dovuta mill-intimat lill-imsemmija awtorita` applikanti hu ta' tmint elef, erba`mija u erba` Ewro u sitta u disghin centezmu, (€8,404.96), (ara foll 5 *et sequitur*);

1.5. Illi peress li l-intimat hu indikat li qieghed Malta, r-rikorrenti odjern qed jipprocedi biex jigbor l-ammont indikat fil-paragrafu precedenti stante li l-ammont hekk dovut mill-intimata hu meqjus *ex lege* daqslikieku hu wiehed dovut lill-Gvern ta' Malta;

1.6. Illi r-rikorrenti hu sodisfatt li gew imharsa r-rekwiziti kollha tad-Direttiva Ewropea fuq indikata, inkluz it-traduzzjoni f'wahda mill-lingwi ufficcjali tal-Unjoni Ewropea, (ara foll 3);

1.7. Illi in vista tal-premess ir-rikorrenti aderixxa din il-qorti u talabha biex:

1.7.1. Tordna li kopja tar-rikors promotur u tad-dokumenti annessi jigu notifikati lill-intimat;

1.7.2. Tordna r-registrazzjoni tad-dokumenti annessi mar-rikors promotur jikkostitwixxu titolu ezekuttiv;

2. Rat id-dokumenti esebiti;

3. Rat in-notifika pozittiva tal-intimat datata l-25 ta' Settembru, 2014, (ara foll 22);

4. Tirrileva li l-intimat ma' intavola l-ebda risposta ghat-talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement qieghed fi stat ta' kontumacja;

5. Semghet lill-abbli rapprezentanti legali tar-rikorrenti li kkonferma r-rikors promotur;

**DECIDE:**

6. Illi in vista tal-premess hi sodisfatta li r-rikorrenti pprova l-kaz tieghu skont il-ligi;

7. Illi l-perjodu koncess lill-intimat biex, in vista tal-istat ta' kontumacja tieghu, hu xorta jkun jista` jressaq il-hsiebijiet tieghu fir-rigward, ghadda inutilment;

8.0. Takkolji t-talbiet tad-Direttur Generali rikorrenti, u konsegwentement:

8.1. Tordna li kopja tar-rikors promotur u tad-dokumenti annessi jigu notifikati lill-intimat f'wahda mill-lingwi tal-Unjoni Ewropea skont il-ligi;

8.2. Tordna r-registrazzjoni tad-dokumenti annessi mal-istess rikors promotur jikkostitwixxu titolu ezekuttiv;

8.3. Bl-ispejjez kontra l-intimat Carl-Johan Leonard Hagberg.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------